# IS-VII KTIEB

## It-telgħa lejn il-verità

1. Żgħożiti bil-ħażen u l-faħx tagħha kienet issa mejta u bdejt insir raġel magħmul. Iżda aktar ma nikber fil-għomor, aktar kont naqa' fil-frugħat u l-kruha ta' ħsibijieti. Ma stajtx naħseb f'sustanza oħra ħlief dik li aħna mdorrijin naraw b'għajnejna. Minn mindu qbadt nisma' xi ħaġa fuq il-għerf, o Alla, ma bqajtx inġibek f'moħħi f'sura ta' ġisem ta' bniedem; dan il-ħsieb ħrabtu dejjem, u fraħt li sibt din il-verità fil-fidi ta' l-omm spiritwali tagħna, il-Knisja kattolika tiegħek: biss ma sibtx kif nista' naħsbek xorta oħra. Jien, bniedem – u xi bniedem! – kont nagħsar moħħi biex naħseb fik bħala Alla l-kbir, wieħed u veru; b'qalbi kollha emmint li int ma tistax titħassar jew tittiefes jew tinbidel; iżda ma kontx naf kif jew mnejn hu ġej li inti hekk. Imma kont nara sewwa u b'mod ċert li dak li ma jitħassarx hu aqwa minn dak li jitħassar, żammejt bla tlaqliq li min ma jistax jittiefes hu ogħla minn dak li jista' jittiefes, u min b'xejn ma jista' jitbiddel hu aħjar minn dak li jitbiddel. Minn qalbi kont noħroġ għajta qawwija kontra dak kollu li dari kont infantas, u nagħmel kemm niflaħ biex b'din il-għajta nkeċċi minn quddiem il-għajnejn ta' moħħi l-kotra ta' ħsibijiet maħmuġa li kienu jittajru

madwari. Iżda hekk kif inwarrabhom, f'tebqa ta' għajn kienu jerġgħu jiġu lkoll f'daqqa u jinxteħtu fuq ħarsti u jdallmuhieli. U hekk, għad li ma kontx nistħajlek f'sura ta' ġisem ta' bniedem, kont iżda nħossni mġiegħel naħsbek xi ħaġa qisha ġisem mifrux fl-ispazji tad-dinja jew imxerred fl-ispazji bla qjies barra mid-dinja, ġisem li ma jistax jitħassar jew jittiefes jew jinbidel, li għalija kien aqwa mill-iġsma li jitħassru u jittiefsu u jinbidlu. Dan kien jiġrili għax jekk moħħi jaħseb f'xi ħaġa li mhijiex f'dawn l-ispazji, kien jidhirli li din il-ħaġa hija x-xejn li hu xejn tassew, bħal meta spazju jkun vojt jekk ġisem jitneħħa minn post li jibqa' battal minn kull ġisem ta' l-art jew tal-baħar jew ta' l-ajru jew tas-sema, u b'danakollu jibqa' jeżisti bħala post vojt, qisu x-xejn li għandu l-ispazju tiegħu.

Għalhekk qalbi twebbset, jiena nnifsi ma għaraftx sewwa x'jien naħseb. Jekk ħaġa ma tkunx imxerrda jew mifruxa jew magħquda jew imwessgħa fl-ispazju, xi ħaġa li l-ispazju jesagħha jew jista' jesagħha, kien jidhirli li dik il-ħaġa hi x-xejn li hu xejn. Moħħi kien jara l-istess suriet li għajnejna huma mdorrijin jaraw. Ma ntbahtx li l-moħħ li jsawwar dawn is-suriet huwa xi ħaġa differenti minnhom, xi ħaġa kbira tassew, għax inkella ma kienx isawwarhom. Lilek ukoll, ħajja ta' ħajti, kont naħsbek xi ħaġa kbira fl-ispazju bla qjies, tinfed minn kullimkien id-dinja kollha kemm hi, u minnha tinfirex ma' kullimkien fl-ispazji kbar bla tarf, b'mod li l-art ikollha lilek, is-sema jkollu lilek, u l-ħwejjeġ kollha jkollhom lilek u jingħalqu fik minn kull naħa tagħhom, waqt li lilek ma jagħalqek xejn. Bħalma l-ġisem ta' l-arja, ta' din l-arja li tgħatti d-dinja, ma jfixkilx lix-xemx milli tinfdu bir-raġġi tagħha bla ma ċċarrtu jew

taqsmu, imma timlieh bid-dawl tagħha, hekk kont naħseb li l-ġisem tas-sema u ta' l-ajru, tal-baħar u ta' l-art ukoll, jinfetaħ għalik ħalli tinfdu minn kull parti tiegħu, kbira jew żgħira, u jilqa' l-preżenza tiegħek fih, int li bin-nifs tiegħek li ma jidherx tmexxi l-ħlejjaq kollha tiegħek minn ġewwa u minn barra. Dan hu li kont nistħajjel, għax ma stajtx naħseb xort'oħra: imma tqarraqt, għax kieku kien bħal ma ħsibt, biċċa kbira mill-art kien ikollha biċċa kbira minnek, u biċċa żgħira minnha kien ikollha biċċa żgħira minnek. Il-ħwejjeġ kollha kienu jkunu mimlija bik, imma l-ġisem ta' ljunfant kien ikollu milja aktar kbira minn dik li jkollu l-ġisem ta' għasfur tal-bejt, għax l-iljunfant huwa akbar u jieħu post iżjed. U hekk int kont titqassam u ssir biċċiet fil-postijiet kollha tad-dinja, biċċa kbira minnek f'post kbir u biċċa żgħira f'post żgħir. Xejn minn dan ma hu veru, imma int kont għadek ma dawwaltx id-dlam tiegħi.

2. Kien ikun biżżejjed għalija, Mulej, li nwieġeb lil dawk il-qarrieqa mqarrqa u ċarlatani mbikkmin, li l-kelma tiegħek ma kinetx fuq xofftejhom, kien ikun biżżejjed, iva, li nweġibhom b'dak li Nebridju kien soltu jgħid sa minn meta kien għadu f'Kartaġni, kliem li kien igħaġġibni xħin nisimgħu: x'jista' jagħmillek dak il-ġens ta' dlamijiet, jew ma nafx x'naqbad insejjaħlu, li huma dejjem iqegħduhulna quddiemna bħala ħaġa kbira kontra tiegħek, x'jista' jagħmillek ladarba ma tkunx trid tissara miegħu? Jekk iwieġbu li jista' jagħmillek ħsara, dan ikun ifisser li int tista' tittiefes u titħassar. Jekk imbagħad iwieġbu li ma jista' jagħmillek xejn, ma jkunx hemm għalfejn tissara miegħu. Wara kollox tkun taqbida li fiha sehem minnek,

jew wieħed mill-membri tiegħek jew frott mill-istess sustanza tiegħek, jitħallat mas-setgħat kuntrarji għalik u ma' naturi mhux maħluqa minnek u dawn iħassruh u jbaxxuh; mill-hena jwaqqgħuh fil-miżerja, u jkun jaħtieġ il-għajnuna ta' min jeħilsu u jsaffih. Dan is-sehem minnek kien ikun ir-ruħ, li l-Verb tiegħek, ħieles u safi u sħiħ, kien jieqaf magħha fil-jasar u t-taħlit u t-taħsir tagħha, u madankollu hu stess ikun jista' jitħassar għax ġej mill-istess sustanza waħda. Jekk jistqarru li ma jistax ikun hemm taħsir f'dak li int, jiġifieri fis-sustanza tiegħek li biha teżisti, dak kollu li jgħidu huwa falz u fih is-saħta; jekk min-naħa l-oħra jgħidu li inti tista' titħassar, dan ikun kliem kollu qerq u ta' min jistmerru. Dan kien ikun biżżejjed bħala tweġiba lil dawk in-nies li wieħed imissu jagħmel minn kollox biex jaqlagħhom minn fuq l-istonku tiegħu, għax la huma jħossu u jitkellmu hekk fuqek, ma jistgħux jeħilsu mis-sagrileġġ waħxi li jagħmlu b'qalbhom u lsienhom.

3. Jien ukoll, Alla tagħna, sa minn dak iż-żmien kont ngħid u nħoss b'saħħti kollha li int bla taħsir jew tidwir u xejn ma jinbidel minnek, Alla veru, li ħlaqt l-erwieħ kif ukoll l-iġsma tagħna, u mhux dawn biss, iżda l-ħlejjaq u l-ħwejjeġ kollha. Imma ma stajtx nifhem ċar u bla taħwid minn fejn hu ġej il-ħażen. Deherli li l-kawża tiegħu, hi xinhi, kelli nfittixha b'mod li minħabba fiha ma nħossnix imġiegħel nemmen li jista' jkun hemm tibdil f'Alla li ma jistax jitbiddel, għax inkella jiena stess kont insir dak li kont qed infittex il-kawża tiegħu. Bqajt insaħħaħ qalbi u nfittixha, għax kont ċert li t-tagħlim tal-Manikej kien falz u għalhekk bdejt naħrabhom kemm niflaħ. Kont



Flimkien mat-tfajla li kien igħix magħha telaq lejn Ruma mingħajr ma qal lil ommu. Ġewwa Ruma nxteħet bil-ħeġġa kollha għat-tagħlim.

narahom ifittxu mnejn hu ġej il-ħażen, waqt li huma stess kienu mimlija bil-ħażen u jaħsbu li hi s-sustanza tiegħek li tiċċappas bil-ħażen u mhux is-sustanza tagħhom li tagħmel il-ħażen.

Ġie li smajthom igħidu li l-għażla ħielsa tar-rieda hi l-ħtija li aħna nagħmlu l-ħażen u li l-ħaqq ġust tiegħek huwa l-kawża li ġġagħalna nkunu milħuqa mill-ħażen. Xtaqt nifhem x'riedu jgħidu b'dan, iżda ma seħħli nara xejn ċar. Kont nipprova noħroġ il-ħarsa ta' moħħi 'l barra mill-għammieq li kont fih, imma kont nerġa' nogħdos fih; bqajt nipprova sikwit, u ta' kull darba nerġa' nogħdos. Dak li kien jerfagħni lejn id-dawl tiegħek kien dan: li jien kont daqshekk naf li għandi rieda daqskemm kont naf li jiena ħaj. Għalhekk, meta nkun irrid nagħmel ħaġa jew ma rridx nagħmilha, kont ċert fuq li ċert li nkun jien li rridha jew ma rridhiex, u ntbaht dejjem iżjed li sewwa sew hawn qiegħda l-kawża tad-dnub tiegħi. Jekk imbagħad nagħmel xi ħaġa bla ma rrid, kont ngħid li qiegħed mhux nagħmilha iżda nġarrabha fuqi, u għalhekk mhijiex ħtija tiegħi imma piena li inti tagħtini b'kastig ġust. U kont nissokta nistaqsi, "Min ħalaqni? Mhux Alla tiegħi li mhuwiex biss tajjeb imma t-tjieba nfisha? Mela mnejn hu ġej li jiena rrid il-ħażin u ma rridx it-tajjeb? Forsi dan biex ikun jistħoqqli kastigi ġusti? Min hu dak li xeħet u nibbet fija l-għerq ta' l-imrar meta jien kollni kemm jien inħlaqt minn Alla tiegħi l-aktar ħelu? Jekk dan ġej mix-xitan, ix-xitan innifsu minn fejn hu ġej? Jekk kien hemm rieda ħażina li minn anġlu tajjeb għamlitu xitan, minn fejn ġietu u daħlet fih din ir-rieda ħażina li għamlitu xitan meta kien kollu anġlu magħmul minn ħallieq l-iżjed twajjeb?" Dawn il-ħsibijiet kienu jixħtuni iżjed 'l isfel u

jifgawni, iżda ma għaddsewnix sal-qiegħ ta' dak l-iżball li fih ħadd ma jfaħħrek meta jgħid li l-ħażen iġarrab lilek u mhux jagħmlu l-bniedem.

4. Bqajt nagħmel ħilti biex nagħraf il-veritajiet l-oħra wkoll bħalma għaraft li dak li ma jistax jitħassar hu aħjar minn dak li jitħassar u għalhekk emmint li, int xint, int ma tistax titħassar. Qatt ħadd ma seta' jew jista' jaħseb f'xi ħaġa oħra aħjar minnek, l-ogħla u l-aqwa ġid. Hi verità kbira u ċerta mill-iżjed li dak li ma jitħassarx hu aqwa minn dak li jitħassar. Dan jien żammejtu sewwa, u għalhekk, kieku int tista' titħassar, kont nista' bħallikieku xejn nerfa' ħsiebi f'xi ħaġa oħra li hi aħjar minn Alla tiegħi. Mela kien imissni fittixtek f'din il-verità li jien kont diġà għaraft, jiġifieri, li min hu bla taħsir huwa aħjar minn dak li jitħassar, biex permezz ta' din il-verità nsir naf fejn jinsab il-ħażen; fi kliem ieħor, nara mnejn hu ġej l-istess taħsir li bih is-sustanza tiegħek ma tista' tittiefes b'ebda mod. Għax it-taħsir ma jistax imiss lil Alla tagħna, b'ebda mod, la b'xi rieda, la bi ħtieġa, u lanqas b'xi ħaġa ta' bla ħsieb. Huwa Alla, u kull ma jrid għalih innifsu huwa tajjeb, anzi Alla hu t-tjieba fih innifsu, u t-taħsir ma hu tajjeb xejn. Ħadd ma jista' jġagħlek tagħmel li ma tridx, għax ir-rieda tiegħek mhijiex aqwa mis-setgħa tiegħek. Biex tkun aqwa, jenħtieġ li inti stess tkun aqwa minnek innifsek, għax ir-rieda u s-setgħa ta' Alla huma Alla nnifsu. X'jista' jiġrilek għalarrieda lilek li tagħraf kollox? Ebda ħaġa ma teżisti ħlief għax inti tagħrafha. Imma għalfejn dan il-ħafna diskors biex nuru li s-sustanza li hi Alla ma tistax titħassar, meta ma kienet tkun Alla xejn kieku setgħet titħassar?

5. Fittixt mnejn hu ġej il-ħażen, imma fittixt ħażin u ma ntbahtx bil-ħażen ta' l-istess tfittxija tiegħi. Quddiem il-għajnejn ta' ruħi kont inġib il-ħlejjaq kollha, dawk li nistgħu naraw fil-ħolqien, bħalma huma l-art, il-baħar, l-ajru, il-kwiekeb, is-siġar u l-annimali li jmutu, kif ukoll dawk li ma narawx, bħalma huma l-qawwiet tas-sema bl-anġli u l-ispirti tiegħu kollha, li lilhom ukoll kont nistħajjilhom iġsma mqassmin kull wieħed f'postu. Mill-ħolqien kollu tiegħek għamilt ġabra waħda kbira, bl-iġsma skond il-ġens tagħhom, sew dawk li huma iġsma tassew kif ukoll dawk li kont inqishom bħala iġsma. Il-kobor ta' din il-ġabra ma kienx daqs li hu tabilħaqq, għax dan ma stajtx inkun nafu, imma daqs kemm għoġob lili. Kienet ġabra magħluqa fl-ispazju minn kullimkien, minn barra u minn ġewwa mimlija kollha kemm hi bik, Mulej, li int bla tarf minn kull naħa, ġabra qisha baħar mifrux minn kullimkien lejn kull naħa fl-ispazji bla tarf, baħar wieħed bi sponża kbira daqsiex magħluqa fih, mimlija u mdawra kollha kemm hi bil-baħar bla qjies. Hekk kont nistħajlu l-ħolqien tiegħek, magħluq fik u mimli bik li int bla tarf. U kont ngħid, "Dan hu Alla, u dawn huma l-ħlejjaq ta' Alla. Alla hu tajjeb, aqwa wisq u ikbar wisq mill-ħolqien kollu; huwa t-Tajjeb li ħalaq ħwejjeġ tajba, u ara kif inhuma mimlijin bih u mdawrin bih! Mela fejn hu l-ħażen u kif daħal hawn ġew? Xinhu l-għerq tiegħu u xinhi ż-żerriegħa tiegħu? Jistax ikun li l-ħażen ma jeżisti xejn? Imma jekk ma jeżistix, il-għala nibżgħu minnu u naħirbuh? Jekk ma hemmx għalfejn nibżgħu minnu, mela allura l-istess biża' tagħna hu ħażin, qalbna għalxejn tingħafas u tinħaqar bih, u jkun ħażen agħar għalina jekk nibżgħu minnu meta ma hemmx minn xiex nibżgħu. Mela jew tassew jeżisti l-

ħażen li nibżgħu minnu, jew l-istess biża' tagħna hu l-ħażin. Iżda minn fejn hu ġej il-ħażen ladarba Alla t-tajjeb ħalaq dawn il-ħwejjeġ tajba kollha? Tassew li hu l-aqwa u l-ogħla tjieba u l-ħwejjeġ li għamel huma tajba inqas minnu, iżda sew il-ħallieq u sew il-ħlejjaq huma lkoll tajba. Mnejn hu ġej il-ħażen? Kien hemm forsi xi materja ħażina li Alla taha sura u qassamha f'ordni, iżda ħalla fiha xi ħaġa li hu ma bidilhiex f'tajba? Jekk inhu hekk, għaliex? Ladarba hu jista' kollox, ma setax ukoll jibdel il-materja kollha kemm hi u jagħtiha sura oħra b'mod li ma jibqa' xejn ħażin fiha? U wara kollox, il-għala ried jagħmel xi ħaġa minnha minflok ma nqeda bis-setgħa tiegħu bla tarf biex iġibha kollha kemm hi fix-xejn? Setgħet din il-materja teżisti kontra r-rieda tiegħu? U jekk kienet minn dejjem, il-għala ħallieha teżisti hekk għal dak it-tul kollu ta' żmien sa ma għoġbu jagħmel xi ħaġa minnha? Jekk f'ħin wieħed għoġbu jaħlaq, il-għala fis-setgħa tiegħu bla qjies ma għamilx b'mod li hi tiġi fix-xejn ħalli jibqa' hu waħdu li hu t-tjieba sħiħa u tassew, l-aqwa tjieba bla tarf? Jekk ma kienx ikun sewwa li t-Tajjeb ma jibnix u ma jsawwarx xi ħaġa oħra tajba wkoll, il-għala ma qeridx fix-xejn il-materja l-ħażina u minflokha għamel oħra tajba biex minnha jaħlaq kollox? Is-setgħa tiegħu ma kinetx tkun bla tarf li kieku ma setax jagħmel ħaġa tajba mingħajr il-għajnuna ta' materja mhux maħluqa minnu." Dan it-taħwid kien jimla 'l qalbi msejkna u mtaqqla, mifnija bil-qrusa ta' ħsibijiet dwar il-biża' tal-mewt u n-nuqqas tal-verità li kont għadni ma sibtx. B'danakollu qalbi baqgħet marbuta bis-sħiħ mal-fidi tal-Knisja kattolika fi Kristu tiegħek, il-Mulej u salvatur tagħna. U għad li l-fidi tiegħi kienet għadha mhux f'kollox mibnija sewwa, għad li kienet għadha mxejra 'l hawn u 'l

hinn barra mill-qjies tat-tagħlim, iżda ruħi ma twarrbitx minnha, anzi baqgħet tixrobha dejjem iżjed kuljum.

6. Kont ili li ċħadt it-tbassir qarrieq u t-thewdin ħajjen ta' dawk li jaqraw fil-kwiekeb. Għal dan ukoll, Alla tiegħi, irrid infaħħar il-ħniniet tiegħek mill-qiegħ ta' ruħi. Irrid insemmi għajnuna li nafha lilek, u lilek waħdek. Għax min jista' jeħlisna mill-mewt ta' kull żball ħliefek li inti l-ħajja li ma tmutx, il-għerf li jdawwal l-imħuħ bla ma jaħtieġ hu stess id-dawl, li jmexxi d-dinja kollha sa l-weraq li jittajjar mis-siġar? Inti bgħattli għajnuna kontra l-ebusija ta' ras li biha ħadtha max-xwejjaħ għaref Vindiċjanu[1] u ma' Nebridju, żagħżugħ bi spirtu tal-għaġeb. Dan kien igħid u jtenni sikwit li t-tbassir tal-ġejjieni mhuwiex xi sengħa, imma ħafna drabi jiġri li jsir kif jobsru l-bnedmin għax ix-xorti tkun trid hekk. Fost kull ma jingħad, ġie li jitħabbru ħwejjeġ li jiġru tassew, mhux għax min jobsor ikun jaf x'se jiġri, imma għax jiftaħ ħalqu u jinzertalu. Nebridju kien ta' din il-fehma għad li kien 'l hawn u 'l hinn fiha, waqt li l-ieħor kien iżommha bis-sħiħ. Inti tajtni għajnuna billi bgħattli raġel ħabib li ma kienx isibha bi tqila li jmur jitlob il-parir ta' dawk li jaqraw fil-kwiekeb; ma kienx imħarreġ wisq fil-kotba tagħhom, iżda kien iħobb ifittex lil dawk in-nies, kif diġà għidt. Kien jaf bi ġrajja li, skond ma qal, kien semagħha minn għand missieru u li hu xejn ma ntebaħ x'qawwa kellha biex tbiddillu fehemtu dwar l-astroloġija. Dan ir-raġel, jismu Firminu, kien għadda mit-tagħlim liberali u sar jinqala' wisq bi lsienu. Ġie għandi, bħala l-ħabib għażiż ħafna tiegħu, u staqsieni fuq ħwejjeġ li fihom kellu l-aqwa tama f'din id-dinja: ried ikun jaf x'jidhirli

mill-kostellazzjonijiet tiegħu, għax hekk isejħulhom. Jien, li fuq dan kont diġà bdejt inxaqleb lejn il-fehma ta' Nebridju, ma ridtx nibqa' lura milli nobsorlu xi ħaġa u ngħidlu dak li ġieni f'moħħi, għad li kont dubbjuż minnu, imma żidt ngħidlu li issa kont għoddni ċert mill-frugħa ta' dak it-tbassir taċ-ċajt. Imbagħad qalli li missieru kien iħobb ħafna jqalleb dawk il-kotba, u kellu ħabib li bħalu u flimkien miegħu kien jinqeda ħafna bihom. It-tnejn kellhom ġibda waħda għalihom u kienu jkebbsu f'qalb xulxin ix-xrara għal dawk il-bluhat, hekk li kienu josservaw saħansitra l-ħin tat-twelid tal-friegħ tal-bhejjem li jeħilsu fi djarhom u jinnutaw il-qagħda tal-kwiekeb f'dak il-ħin, ħalli b'hekk jiġbru tagħrif skond dik li kienu jqisuha sengħa. Qalli li, skond ma sema' minn għand missieru, meta ommu kienet tqila bih, jiġifieri b'Firminu, ħabat li l-qaddejja tal-ħabib ta' missieru kienet hi wkoll tqila. Dan ma setax jaħrab lis-sid, li b'reqqa tal-għaġeb kien ifittex ikun jaf l-irqaqat kollha tal-ħlas imqar tal-klieb tiegħu. Għalhekk it-tnejn b'dehwa kbira qagħdu jgħoddu l-jiem, is-sigħat, il-minuti u s-sekondi tat-tqala, wieħed ta' martu u l-ieħor ta' l-ilsira tiegħu. Ġara li t-tnejn ħelsu f'ħin wieħed, u għalhekk l-irġiel kellhom bilfors jagħmlu l-istess tbassir għaż-żewġ ulied, wieħed għal ibnu u l-ieħor għall-ilsir tiegħu. In-nisa, meta bdielhom l-uġigħ tal-ħlas, bagħtu jgħidu lil xulxin x'kien qiegħed jiġri fi djarhom; u kull waħda minnhom qabbdet lil xi ħadd biex malli teħles imur iħabbar lill-oħra li t-tifel twieled; qishom ir-ġejjen fis-saltna tagħhom, kienet ħaġa ħafifa għalihom jagħmlu b'mod li l-aħbar titwassal malajr. Firminu ssokta jgħidli li fit-triq iż-żewġ mibgħutin iltaqgħu f'post li kien bogħod wieħed miż-żewġt idjar, hekk li la l-wieħed u

lanqas l-ieħor ma setgħu jaraw fiex ma kinux jaqblu bejniethom fil-qagħda tal-kwiekeb u l-irqaqat tal-ħin. U minkejja dan, Firminu, billi twieled minn nies għolja, malajr qabad triqat aħjar fid-dinja u stagħna u kiber fil-ġieh, waqt li l-ieħor ma ħeles xejn mill-madmad tal-jasar u baqa' jaqdi lis-sidien tiegħu, kif qalli l-istess Firminu li kien jafu.

Jien wara li smajt dan kollu u emmintu, għax min qalhuli kien ta' min jemmnu, neħħejt u keċċejt 'il barra minn moħħi kull fehma oħra li kelli, u l-ewwelnett fittixt ħafna li nwarrab lil Firminu mill-ġibda li kellu. Għidtlu li, wara li sirt naf il-qagħda tal-kwiekeb tiegħu, biex nobsorlu s-sewwa kien jaħtieġli nżomm quddiem għajnejja l-istat għoli tal-ġenituri tiegħu, il-ġieh mogħti lil qrabatu fil-belt, il-ħelsien li twieldu fih, it-trobbija xierqa tagħhom u t-tagħlim liberali li ħadu; imma jekk jiġi l-ilsir u jistaqsini fuq l-istess qagħda ta' kwiekeb, li kienet tgħodd għalih ukoll, biex lilu wkoll nobsorlu s-sewwa kelli nżomm quddiem għajnejja l-istat baxx ta' niesu, il-jasar tagħhom u ċirkustanzi oħra li kienu mbegħdin wisq u xorta oħra għal kollox minn dawk ta' Firminu. B'hekk kien jiġri li, biex nobsor is-sewwa, mill-istess tagħrif nagħmel żewġ tbassiriet ma jaqblux bejniethom għax jekk jaqblu nkun qed ngħid ħaġa b'oħra. Minn dan jidher kemm hu tassew ċert li jekk wieħed bit-tagħrif tal-kwiekeb jobsor is-sewwa, dan ma jagħmlux b'xi sengħa imma għax jaħbatlu hekk; u jekk ieħor jobsor u jmurlu żmerċ, dan mhux għax ma jkunx tas-sengħa imma għax ix-xorti tqarraq bih.

Wara dan rajt it-triq miftuħa quddiemi u bejni u bejn ruħi bdejt naħseb xi stajt inwieġeb lil dawk il-boloħ li jaqbdu din is-sengħa għall-għixien tagħhom, għax xtaqt

inqum minnufih kontra tagħhom biex inwaqqagħhom għaċ-ċajt u nuri l-iżball tagħhom. Xi ħadd minnhom kellu mnejn jiqafli u jgħid li jew Firminu jew missieru ma qalux is-sewwa. Għalhekk ħsibt u rajt il-każ ta' meta jitwieldu żewġ tewmin. Fil-biċċa l-kbira wieħed jitwieled minnufih wara l-ieħor, u l-farka ħin li jkun hemm bejniethom, hu xinhu s-siwi li nagħtuha fil-ħajja, ma hix daqshekk li l-bnedmin jagħtu kasha, u min jaqra fil-kwiekeb ma jilmaħ ebda sinjali tagħha ħalli bihom jobsor is-sewwa. U għalhekk ma jobsorx is-sewwa, għax kieku lemaħ is-sinjali ta' Għesaw u Ġakob kien ikollu jobsor l-istess dwarhom it-tnejn li ġrajjiethom ma kinux bħal ta' xulxin. Mela kull ma jgħid ikun falz; jew jekk irid igħid is-sewwa, jaħtieġ li ma jobsorx l-istess, anki jekk is-sinjali li jara jkunu l-istess. Minn dan jiġi li wieħed jobsor is-sewwa mhux għax ikun tas-sengħa imma għax xortih tajba. Iżda int, Mulej, mexxej l-iżjed ġust tal-ħolqien, bla ma dawk li jagħtu jew jintalbu parir ikunu jafu tnebbah bit-tqanqil misterjuż tiegħek lil min jitlob parir ħalli jisma' t-tweġiba tgħodd għalih, skond il-merti moħbija ta' l-erwieħ, tweġiba li tingħatalu mill-qiegħ tal-ħaqq ġust tiegħek. Il-bniedem ma għandux jiġi u jistaqsik, "Dan xinhu? Dan għalfejn?". Le, le, ma għandux jistaqsik dan, għax bniedem hu.

7. U hekk int, għajnuna tiegħi, ħlistni minn dan l-irbit. Bqajt infittex mnejn hu ġej il-ħażen, imma għalxejn. Iżda int ma ħallejtx l-imwieġ ta' ħsibijieti jbegħduni mill-fidi u bqajt nemmen li inti teżisti, li s-sustanza tiegħek ma tistax titbiddel, li int tieħu ħsieb il-bnedmin, u li inti ġust; bqajt nemmen fi Kristu Ibnek Sidna, bqajt nemmen li bl-Iskrittura mqaddsa, irrikmandata lilna mill-Knisja kattolika

tiegħek bl-awtorità tagħha, inti ftaħt it-triq tas-salvazzjoni għall-bnedmin biex jaslu fil-ħajja wara din il-mewt. Dan it-twemmin żammejtu sħiħ fija u ma ċċaqlaqtx minnu meta b'ħerqa kbira bqajt infittex mnejn hu ġej il-ħażen. Kemm uġigħ tal-ħlas sofriet qalbi u kemm tniehdet, Alla tiegħi! Ma kontx naf li int qiegħed fil-qrib tismagħha. Jien u nfittex fis-skiet b'ħilti kollha, b'qalbi mifnija bla ma tlissen kelma, kont ngħajjat agħjat qawwi lill-ħniena tiegħek. Int biss kont taf x'jien insofri u ħadd mill-bnedmin; għax kemm minn tbatijieti stajt inwassal fil-widnejn ta' l-egħżeż ħbieb tiegħi? Kif setgħu jisimgħu l-agħjat kollu ta' ruħi jekk ma kontx insib żmien u kliem biżżejjed biex insemmagħhulhom? Imma t-tnehid qawwi ta' qalbi kien jasal sħiħ f'widnejk, u x-xewqa tiegħi kienet quddiemek. Iżda d-dawl ta' għajnejja naqasni. Dan id-dawl kien ġewwa fija, waqt li jien inxtħett barra minni nnifsi. Id-dawl ma kienx f'xi post, u jien ħarist lejn ħwejjeġ li kienu f'dan jew dak il-post. Ma stajtx insib fejn nistrieħ, għax ebda waħda minn dawn il-ħwejjeġ ma kienet tilqagħni b'mod li nkun nista' ngħid, "Hawn biżżejjed għalija" u "Hawn tajjeb", anqas ma kienu jħalluni nerġa' lura u mmur fejn seta' jkun tajjeb biżżejjed għalija. Jien taħtek kont ogħla minnhom, fik kont insib il-hena tiegħi tassew kieku żammejt ruħi taħtek kif int qegħidtli taħti l-ħlejjaq inqas minni. Dan kien ikun l-aħjar mezz u t-tokk tas-salvazzjoni tiegħi, li nibqa' xbieha tiegħek u naħkem lil ġismi waqt li naqdi lilek. Imma tkabbart u qomt kontra tiegħek, ġrejt għal Sidi bil-ħxuna tat-tarki ibbozzati tiegħi. Għalhekk sa l-iżgħar ħlejjaq telgħu fuq rasi u għaffġuni taħthom, u ma tawnix mistrieħ, ma ħallewlix nifs. Ġrew ilkoll f'daqqa għal fuqi minn kullimkien, jekk inħares madwari kont

narahom ġemgħa waħda. Jekk nieqaf naħseb, ix-xbihat ta' l-iġsma kienu jżommuni u ma jħallunix nerġa' lura, qishom igħiduli, "Fejn inti sejjer, bniedem bla ġieh u maħmuġ?". Huma tnisslu mill-ġerħa tiegħi, għax int sħaqt lill-imkabbar bħal midrub għall-mewt; in-nefħa tiegħi firditni minnek, u għajnejja ntebqu bin-nefħa kbira ta' wiċċi.

8. Imma int, Mulej, għal dejjem tibqa', u mintix se tibqa' għal dejjem tinkorla għalina. Int ħennejt għalija, trab u rmied, u għoġbok iġġedded kull ma kien tħassar fija. Int kont tqanqalli ruħi biex inkun bla sabar sa ma nara ċ-ċertezza tiegħek bil-ħarsa tiegħi minn ġewwa. Idek moħbija fejqet u niżżlet in-nefħa tiegħi, u l-kollirju[2] qawwi ta' tbatijiet utieqa raddli kuljum iżjed id-dawl f'għajnejn ruħi mħawda u mdallma.

9. Qabel xejn ridt turini kemm tieqaf lill-kburin u tagħti l-grazzja lill-umli, u kemm kont ħanin meta wrejt it-triq ta' l-umiltà lill-bnedmin bil-Verb tiegħek li sar bniedem u għammar fost il-bnedmin. Għalhekk inti nqdejt bi bniedem minfuħ iżżejjed bih innifsu u bih bgħattli xi kotba ta' awturi platoniċi[3], maqlubin mill-Grieg għal-Latin. Fihom, bi kliem mhux l-istess imma jfisser l-istess għal ħafna u ħafna raġunijiet, jiena qrajt li fil-bidu kien il-Verb, u l-Verb kien ma' Alla u l-Verb kien Alla: hu kien fil-bidu ma' Alla; kollox bih sar, u xejn ma sar mingħajru; kull ma sar kellu l-ħajja fih, u l-ħajja kienet id-dawl tal-bnedmin; id-dawl jiddi fid-dlam, imma d-dlam ma għelbux. Qrajt li r-ruħ tal-bniedem, għad li tixhed għad-dawl, mhijiex hi d-dawl, imma l-Verb Alla hu d-dawl veru, li jdawwal kull bniedem, huwa u ġej fid-dinja; kien

fid-dinja, u d-dinja saret bih, imma d-dinja ma għarfitux. Iżda f'dawk il-kotba ma qrajtx li hu ġie f'daru, u niesu ma laqgħuhx; imma lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla, dawk li jemmnu f'ismu.

Fihom qrajt ukoll li l-Verb, Alla, twieled mhux mill-ġisem, anqas mid-demm, anqas mill-ġibda tal-ġisem, u anqas mir-rieda tal-bniedem, iżda minn Alla; imma li l-Verb sar bniedem u għammar fostna, dan ma sibtux fihom. Tassew li f'dawk il-kotba, b'ħafna modi differenti, sibt li l-Iben, li kellu n-natura ta' Alla, ma qishiex ħaġa maħtufa bis-serqa li hu daqs Alla, kif tassew hu min-natura tiegħu; iżda dawk il-kotba ma jgħidux li huwa xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir, sar jixbah lill-bnedmin u deher minn barra bħala bniedem; ċekken lilu nnifsu billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib, u għalhekk Alla qajmu mill-imwiet u għollieh sas-smewwiet, waqt li żejnu bl-Isem li hu fuq kull isem, biex fl-isem ta' Ġesù, fis-sema, fl-art u f'qiegħ l-art, il-ħlejjaq kollha jinżlu għarkobb-tejhom, u kull ilsien jistqarr, "Ġesù hu l-Mulej għall-glorja ta' Alla l-Missier". Qrajt fihom li Ibnek il-Waħdieni jeżisti minn dejjem miegħek bla tibdil sa minn qabel kull żmien u fuq kull żmien, li l-erwieħ jieħdu mill-milja tiegħu għall-hena tagħhom, u li huma jiġġeddu b'sehem mill-għerf li jibqa' dak li hu fih innifsu; iżda fihom ma sibtx li hu fiż-żmien miet għall-ħżiena u li int anqas lil Ibnek il-Waħdieni ma ħfirtha, imma tajtu għalina lkoll. Għax inti dawn il-ħwejjeġ ħbejthom lil min għandu l-għerf u wrejthom liċ-ċkejknin, biex huma li jinsabu mħabbtin u mtaqqlin jiġu għandu u huwa jserraħhom, għaliex hu ta' qalb ħelwa u umli, imexxi l-imsejkna fis-sewwa u jgħallem lill-fqajrin it-triq tiegħu, jara n-niket u d-diqa tagħna u

jaħfrilna ħtijietna kollha. Weqfin fuq il-koturn[4] qishom laħqu xi għerf ogħla, huma ma jisimgħux il-kelmiet, "Tgħallmu minni, għaliex jiena ta' qalb ħelwa u umli, u intom issibu l-mistrieħ għal ruħkom"; għad li lil Alla għarfuh, la tawh ġieh ta' Alla li hu u lanqas raddewlu ħajr, iżda moħħom intilef fil-bluha u qalbhom bla dehen iddallmet; waqt li riedu jagħmluha ta' għorrief, bliehu.

Għalhekk anki f'dawk il-kotba sibt il-glorja ta' Alla li ma jintemmx mibdula ma' idoli u ħafna xbihat, mas-sura tal-bniedem li jintemm, ta' l-agħsafar, tal-bhejjem b'erba' saqajn u tas-sriep, jiġifieri, l-ikel li bih Għesaw fl-Eġittu tilef jeddijietu bħala l-iben ewlieni, għax il-poplu ewlieni ta ġieh lir-ras ta' bhima b'erba' saqajn flok ma tah lilek, b'qalbu reġa' dar lejn l-Eġittu, u baxxa lix-xbieha tiegħek, lil ruħu, quddiem ix-xbieha ta' gendus jiekol il-ħaxix. Dan hu l-ikel li sibt f'dawk il-kotba, u ma ridtx induqu. Int, Mulej, għoġbok tneħħi l-għajb taż-żgħorija minn Ġakob biex il-kbir jaqdi liż-żgħir, u sejjaħt lill-ġnus f'wirtek. Jiena ġejt għandek mill-ġnus u ftakart fid-deheb li ġagħalt lill-poplu tiegħek joħroġ miegħu mill-Eġittu, għax id-deheb kien tiegħek, kien fejn kien. B'fomm l-Appostlu tiegħek inti għidt lin-nies ta' Ateni li aħna fik ngħixu, fik nitħarrku, u fik aħna, kif qalu xi wħud minn tagħhom, għax tabilħaqq, dawk il-kotba nkitbu hemmhekk. Għalhekk jien ma tajtx kas ta' l-idoli ta' l-Eġizzjani, li lilhom mid-deheb tiegħek kienu jsiru offerti minn dawk li l-verità ta' Alla bidluha ma' gidba u taw il-ġieh u l-qima tagħhom lill-ħlejjaq flok ma tawhom lill-ħallieq.

10. F'dak il-qari[5] rajt twissija biex nerġa' nidħol fija nnifsi u taħt it-tmexxija tiegħek nibqa' dieħel sal-qiegħ



F'Wistin tnisslet ix-xewqa li jsaffi qalbu mill-ġibdiet li rabtuha ma' l-art u jeħles mill-ħmira l-qadima, imma kien għadu marbut sħiħ bil-katina tax-xewqa taż-żwieġ. Liema triq kien sejjer jagħżel?

ta' qalbi. Dan stajt nagħmlu, għax int kont il-għajnuna tiegħi. Għalhekk dħalt, u bid-daqsxejn ta' dawl f'għajnejn ruħi, 'il fuq mill-istess għajnejn ta' ruħi, 'il fuq mid-dehen tiegħi, ilmaħt dawl li ma jinbidelx. Ma kienx dan id-dawl ta' kuljum li kulħadd jara, anqas ieħor bħalu aqwa minnu donnu l-istess dawl imma jiddi wisq u wisq aktar u jimla kullimkien bil-qawwa tiegħu. Id-dawl li rajt ma kienx hekk, imma ieħor, ma għandu x'jaqsam xejn ma' dawn id-dwal kollha. Ma kienx mifrux fuq dehni bħaż-żejt f'wiċċ l-ilma, anqas bħalma s-sema hu mifrux 'il fuq mill-art, imma iżjed 'il fuq, għax hu ħalaqni u jiena taħtu għax maħluq minnu. Min jagħraf il-verità jagħraf lilu, u min jagħraf lilu jagħraf il-ħajja ta' dejjem. L-imħabba tagħarfu. O verità ta' dejjem, imħabba vera, eternità għażiża! Inti Alla tiegħi, lilek nitniehed lejl u nhar. Meta bdejt nagħarfek inti rfajtni lejk biex nara li hemm xi ħaġa li kelli naraha, għad li kont għadni ma nistax naraha. Bir-raġġi qawwija tiegħek għammixtli għajnejja dgħajfa, u jien tregħidt bl-imħabba u l-biża'. Sibt li kont 'il bogħod minnek f'xi mkien xort'oħra[6], u bħal smajt leħnek mill-għoli jgħidli, "Jiena l-ikel tal-kbar: ikber, u tibda tiekol lili, mhux biex tibdel lili fik, bħall-ikel tal-ġisem, iżda biex inti tinbidel fija". U għaraft li b'kastig tal-ħażen inti għakkist lill-bniedem, u bħall-kamla għarraqtli 'l ruħi. U jiena għidt, "Mela mhi xejn il-verità ladarba ma hi mifruxa la fl-ispazju magħluq u lanqas fl-ispazju bla tarf?". Iżda mill-bogħod inti għajjatt, "Anzi, tassew, jien li jien"[7]. Dawn il-kelmiet smajthom kif il-qalb taf tisma', u ma baqagħli ebda dubju; kien eħfef għalija niddubita jekk jiena stess iniex ħaj milli jekk teżistix il-verità, li tista' tingħaraf permezz tal-ħlejjaq.

11. Imbagħad ħarist lejn il-ħlejjaq l-oħra taħtek, u rajt li huma la jeżistu għal kollox u lanqas ma jeżistux għal kollox, imma jeżistu għax ġejjin minnek u ma jeżistux għax mhumiex li inti int; tabilħaqq, jeżisti tassew dak li ma jitbiddel qatt. Jiena l-hena tiegħi li nkun qrib Alla, għax jekk ma nkunx fih, anqas fija nnifsi ma nista' nkun. Hu jibqa' dak li hu fih innifsu, u jġedded kollox. Int Sidi, ma taħtieġ xejn mill-ġid tiegħi.

12. Inti wrejtni li l-ħwejjeġ tajba wkoll jistgħu jitħassru. Ma kinux jitħassru kieku kienu l-aqwa ġid, anqas ma kienu jtħassru kieku ma kinux ħwejjeġ tajba; għax l-aqwa ġid ma jitħassarx, u l-ħwejjeġ li ma fihom xejn tajjeb ma jibqagħalhom xejn x'jista' jitħassar; għax it-taħsir jagħmel id-deni, iżda ma jagħmilx deni ħlief biss għax iħassar it-tajjeb li jkun hemm. Mela jew it-taħsir mhuwiex deni, u dan ma jistax ikun, jew, bħalma hu ċert ħafna, il-ħwejjeġ li jitħassru jiċċaħħdu mit-tajjeb li jkollhom. Jekk jiċċaħħdu mit-tajjeb kollu, ma jibqgħux jeżistu iżjed; jekk imbagħad jeżistu bla ma qatt jistgħu jitħassru, ikunu aħjar minn qabel għax it-taħsir ma jkunx jista' jmisshom iżjed. U x'hemm aktar tal-għaġeb milli wieħed igħid li l-ħwejjeġ isiru aħjar jekk jitilfu t-tajjeb tagħhom kollu? Mela jekk jiċċaħħdu mit-tajjeb kollu ma jibqgħux jeżistu: jiġifieri li, sakemm jibqgħu jeżistu, jibqgħu tajbin. Mela kull ma jeżisti hu tajjeb, u l-ħażen li jien fittixt mnejn hu ġej mhuwiex sustanza, għax li kien sustanza kien ikun ħaġa tajba; infatti kien ikun jew sustanza li ma tistax titħassar, u hekk kien ikun ħaġa tajba mill-iżjed, jew sustanza li tista' titħassar, u din ma tistax titħassar ħlief biss għax hi tajba. Għalhekk ħassejt u rajt ċar li int għamilt il-ħwejjeġ

kollha tajbin u li ma hemm ebda sustanza li ma għamilthiex int. U billi il-ħwejjeġ ma għamilthomx kollha ndaqs, ilkoll jeżistu skond ma kull waħda minnhom hi tajba, u lkoll f'daqqa huma tajbin ħafna, għax kull ma Alla għamel hu kollox tajjeb ħafna.

13. Fik ma jeżisti ebda ħażen, u mhux fik biss, imma anqas fil-ħolqien kollu tiegħek; ma hemm xejn barrani għalih li jista' jindiehes fih u jħassar l-ordni li int qegħidt fih. Fil-ħolqien tiegħek hemm ħwejjeġ ma jaqblux ma' oħrajn, u li għalhekk wieħed iqishom bi ħżiena; imma fl-istess ħin jaqblu ma' ħlejjaq oħrajn u minħabba f'hekk jitqiesu b'tajbin; fihom infushom huma tajba. Dawn kollha, li ma jaqblux bejniethom, jaqblu mat-taqsima ta' taħt tal-ħolqien li aħna nsejħulha l-art, mgħottija bis-sema tagħha u s-sħab u l-irjieħ, kif igħodd għaliha. Ma jkun qatt li jiena ngħid, "Mhux li ma kien jeżisti xejn minn dan!" Għax imqar jekk inħares lejhom biss u forsi kont nixtieq ħwejjeġ aħjar, xorta waħda jkun imissni nfaħħrek, anki għalihom biss; għax li int ta' min ifaħħrek juruh il-mostri tal-baħar u l-abissi kollha, in-nar u s-silġ, il-borra u ċ-ċpar, l-irwiefen, li jisimgħu kelmtek, il-muntanji u l-għoljiet kollha, is-siġar tal-frott u ċ-ċedri kollha, il-bhejjem selvaġġi u l-annimali kollha, il-bhejjem li jitkaxkru u l-agħsafar li jtiru, is-slaten ta' l-art u l-ġnus kollha, il-kbarat u l-imħallfin kollha ta' l-art, iż-żgħażagħ u x-xbejbiet ukoll, u x-xjuħ flimkien mat-tfal ifaħħru ismek. U billi mis-smewwiet ukoll ifaħħruk, Alla tagħna, ħa jfaħħruk l-anġli tiegħek kollha fl-ogħla smewwiet, l-eżerċti tiegħek kollha, ix-xemx u l-qamar, il-kwiekeb kollha li jiddu, is-smewwiet l-aktar għolja, u l-ilmijiet ta' fuq is-smewwiet; ħa jfaħħru

dawn kollha l-isem tiegħek. Għalhekk ma bqajtx nixtieq ħwejjeġ aħjar, ħsiebi kien jimraħ fuq il-ħlejjaq kollha u rajt li dawk ta' fuq huma aqwa mill-oħrajn ta' taħt, iżda b'moħħi aktar miftuħ qist li aħjar il-ħolqien kollu kemm hu milli l-ħlejjaq ta' fuq biss.

14. Mhijiex sewwa l-fehma ta' min fil-ħolqien tiegħek jara xi ħaġa li ma togħġbux, kif anqas il-fehma tiegħi ma kienet sewwa meta ħafna ħwejjeġ magħmula minnek ma kinux jogħġbuni. U billi ruħi ma ssogratx tgħid li Alla tiegħi ma jogħġobhiex, ma riditx tagħraf bħala ħolqien tiegħek il-ħwejjeġ li ma kinux jogħġbuha. B'hekk waqgħet fil-fehma li jeżistu żewġ sustanzi. Imma din il-fehma ma serrħitilhiex rasha, u għalhekk bdiet tgħid diskors mhux tagħha. Hija warrbet din il-fehma u sawret għaliha nfisha alla li jinsab kullimkien fl-ispazju bla tarf; ħasbet li dan alla kien int, qegħditu ġo qalbha, u reġgħet saret it-tempju ta' l-idolu tagħha li inti tobgħod. Iżda wara li int, bla ma kont naf, weżintli rasi u għalaqtli għajnejja biex ma nħarisx lejn frugħat, jien twarrabt kemmxejn minni nnifsi u l-bluha tiegħi tħeddlet. Meta stenbaht rajt lilek, bla tmiem iżda mod ieħor, dehra li ma ssawretx mill-ġisem.

15. Ħarist lejn il-ħwejjeġ l-oħra u rajt li l-eżistenza tagħhom jafuha lilek u li huma kollha mitmuma fik, mhux bħallikieku f'xi mkien, iżda għax idek, li hi l-verità, taħfen kollox. Rajt li kollox huwa veru talli hu, u ebda ħaġa ma hi falza ħlief meta nistħajlu li hi dak li ma hix. Rajt li kull ħaġa taqbel mhux biss mal-post tagħha, iżda wkoll maż-żmien tagħha, u li int, waħdek ta' dejjem, ma bdejtx taħdem wara li kien għadda żmien bla qjies, għax

iż-żminijiet kollha, sew dawk li diġà għaddew u sew dawk li għad igħaddu, ma jiġux u jmorru mingħajrek li taħdem u tibqa'.

16. Fhimt, għax jiena stess ġarrabt, li xejn mhu talgħaġeb jekk min mhux f'saħħtu jbati biex jiekol il-ħobż li jogħġob lil min hu f'saħħtu, u jekk il-għajnejn morda ma jaħmlux id-dawl li jhenni lill-għajnejn safja. Il-ġustizzja tiegħek ma togħġobx lill-ħżiena, u wisq inqas jogħġbuhom is-sriep u d-dud għad li int ħlaqthom tajba u qegħidthom sewwa f'posthom 'l isfel fil-ħolqien tiegħek. Dan il-post jixraq lill-ħżiena wkoll jekk jitqiesu skond dak li fih ma jixbhux lilek, għax jekk inqisuhom skond dak li fih jixbhu lilek ikun jixirqilhom post ogħla. Meta staqsejt xinhu l-ħażen, sibt li mhuwiex sustanza, iżda hu t-taħsir tar-rieda li tinbaram 'l isfel mill-ogħla sustanza, minnek, o Alla, biex iddur lejn il-ħwejjeġ l-aktar baxxi, tarmi l-ġewwieni tagħha u tintefaħ minn barra.

17. Bqajt mistagħġeb bija nnifsi kif kont diġà bdejt inħobb lilek u mhux xi fantażma minflokok. Iżda l-hena tiegħi f'Alla tiegħi ma kienx sħiħ għal kollox, għax ġie li xi drabi ġmielek kien jisraqni u minnufih it-toqol tiegħi nnifsi kien jifridni minnek u jixħetni ma' l-art fost ittnehid tiegħi. It-toqol tiegħi kienet l-istess drawwa li rabtitni mal-ġisem. Iżda t-tifkira tiegħek baqgħet ħajja fija, u ma kien baqagħli ebda dubju li jeżisti dak li ħtieġli ningħaqad miegħu. Imma kont għadni ma nistax ningħaqad miegħu għax ruħna mtaqqla b'ġisem li jitħassar, u għarruħ li taħseb hu piż it-tafal li fih tgħammar. Kont ċert fuq li ċert li l-ħwejjeġ li fik ma jidhrux, jiġifieri s-setgħa

tiegħek ta' dejjem u d-divinità tiegħek, setgħu jingħarfu sa mill-ħolqien tad-dinja, permezz tal-ħlejjaq. Kont nistaqsi l-għala jogħġobni l-ġmiel ta' l-iġsma, sew tas-sema u sew ta' l-art; fittixt liema kienu l-mezzi li għenuni biex nagħmel ġudizzju tajjeb mill-ħwejjeġ li jitbiddlu u ngħid, "Dan messu kien hekk, u dak le". Jiena u nistaqsi u nfittex il-għala kont nagħmel dawn il-ġudizzji, sibt li ogħla minn dehni li jitbiddel hemm l-eternità vera u li qatt ma titbiddel tal-verità. U hekk, tarġa wara l-oħra, tlajt mill-iġsma sar-ruħ li tħoss permezz ta' l-iġsma, mir-ruħ sas-setgħa ġewwinija tagħha li s-sensi tal-ġisem iwasslulha kull ma jħossu minn barra, kif jiġri fil-bhejjem ukoll, u minn hawnhekk bqajt tiela' sas-setgħa tar-raġuni li għall-ġudizzju tagħha jitressaq kull ma jgħaddi mis-sensi tal-ġisem. Imma għaraft li anki din is-setgħa ġewwa fija tista' titbiddel, u għalhekk issoktajt tiela' sad-dehen, warrabt drawwieti minn moħħi, tbegħidt mill-kontradizzjonijiet tal-ħafna fantażmi tiegħi, u fittixt x'kien dak id-dawl li bih stqarrejt bla dubju li dak li ma jitbiddilx hu aqwa minn dak li jitbiddel, id-dawl li bih għaraft li hemm essri ma jitbiddilx; għax kieku ma għaraftx b'xi mod li dan l-essri jeżisti, b'ebda mod ma kont nista' nqisu aqwa minn kull ma jitbiddel. U hekk wasalt f'dak li jintlemaħ f'għamża ta' għajn. Rajt li l-ħwejjeġ li fik ma jidhrux stajt nagħrafhom permezz tal-ħlejjaq, iżda ma seħħlix inwaħħal ħarsti fihom; moħħi dgħajjef ixxellef u rġajt għal li kont; baqagħli biss tifkira għażiża u bħal xewqa tar-riħa tfuħ ta' l-ikel li kont għadni ma nistax nieklu.

18. Fittixt it-triq biex nikseb saħħa biżżejjed ħa nithenna bik, iżda ma sibthiex, sa ma żammejt sħiħ mal-medjatur

bejn Alla u l-bniedem, il-Bniedem Kristu Ġesù, li hu fuq kollox, Alla mbierek għal dejjem ta' dejjem. Hu sejħilna u qalilna, "Jiena hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja", u hejja għall-bniedem ikel li kont għadni bla saħħa biex nieklu; għax il-Verb sar bniedem biex jisqi lilna t-trabi l-ħalib tal-għerf tiegħek li bih ħlaqt kollox. Kont għadni ma ċċekkintx biżżejjed biex nilqa' lil Alla tiegħi, lil Ġesù li ċċekken, u t-tagħlim tad-dgħufija tiegħu kont għadni ma fhimtux. Il-Verb tiegħek, il-verità ta' dejjem ogħla mill-ogħla ħlejjaq tiegħek, jerfa' lejh fil-għoli 'l dawk li joqogħdu għar-rieda tiegħu; iżda hawn fuq l-art huwa bena għalih dar mit-tajn tagħna biex biha jniżżel lil dawk li jobdu mill-għoli tagħhom u jerfagħhom lejh, ifejjaqhom min-nefħa tagħhom u jgħajjex imħabbithom, u ma jħallihomx jibqgħu miexja mistrieħa fuqhom infushom, iżda jsiru dgħajfa meta f'riġlejhom jaraw id-divinità li saret dgħajfa u libset magħna l-libsa tal-ġild tagħna, u hekk jinxteħtu fl-art għajjenin quddiemha, biex hija tqum u twaqqafhom fuq riġlejhom.

19. Jien kont naħseb xort'oħra. Għalija Kristu Sidi kien bniedem ta' għerf li ma jistax ikun hawn ieħor bħalu, l-iżjed għax deherli li, bit-twelid tiegħu tal-għaġeb minn verġni, stħaqqlu li Alla minħabba fina jżejnu b'awtorità kbira bħala mgħallem, biex bl-eżempju tiegħu jurina kif immaqdru dak li hu ta' l-art ħalli niksbu l-ħajja ta' dejjem. Imma t-tifsira moħbija fil-kelmiet "Il-Verb sar bniedem" anqas l-iċken ħjiel tagħha ma kelli. Minn dak li nkiteb fuqu sirt naf li huwa kiel u xorob, raqad, mexa, feraħ, tnikket u tħaddet, u li dak il-ġisem ma ngħaqadx mal-Verb tiegħek mingħajr ruħ u dehen ta' bniedem. Dawn

il-ħwejjeġ jafhom kull min jaf li l-Verb tiegħek ma jistax jitbiddel, u jien ukoll sirt nafhom skond ma stajt, u qatt ma kelli dubju fuqhom. Il-bniedem ġie li bir-rieda tiegħu jċaqlaq il-membri ta' ġismu u ġie li ma jċaqlaqhomx, xi drabi jħoss bis-sensi tiegħu u drabi oħra ma jħoss xejn, f'ħin wieħed ifisser ħsibijietu bi kliem għaqli u f'ħin ieħor jibqa' sieket; dawn huma kollha azzjonijiet ta' ruħ u moħħ li jitbiddlu, u hemm miktub li hu wkoll għamilhom. Jekk mhux tassew li għamilhom, hemm il-periklu li l-kitba kollha kemm hi tista' titgiddeb, u l-bnedmin ma jibqgħalhom xejn x'jemmnu fl-Iskrittura għas-salvazzjoni tagħhom. Mela ladarba kull ma nkiteb fuqu huwa veru, fi Kristu għaraft bniedem sħiħ, mhux biss ġisem ta' bniedem jew ruħ f'ġisem bla dehen, iżda bniedem tassew, li fil-fehma tiegħi kien aqwa mill-bqija, mhux għax hu kien il-verità fiha nfisha, iżda minħabba l-kobor u l-għoli tan-natura tiegħu bħala bniedem u għax kellu sehem mill-għerf aqwa minn kulħadd. Alipju min-naħa tiegħu kien tal-fehma li l-kattoliċi jemmnu li Alla sar bniedem fis-sens li fi Kristu kienu jinsabu Alla u l-ġisem biss; minn għalih Kristu ma kellux ruħ u dehen ta' bniedem, u kien iżomm sħiħ li kull ma t-tradizzjoni tgħid fuqu ma setax isir ħlief minn bniedem mogħni bil-ħajja u r-raġuni. Minħabba f'dawn il-fehmiet kien miexi bil-mod lejn il-fidi nisranija. Meta mbagħad intebaħ li dan sewwa sew kien l-iżball ta' l-eretiċi apollinaristi[8], bil-ferħ kollu beda jxaqleb lejn il-fidi kattolika. Ngħid għalija nistqarr li domt ftit aktar minnu sa ma fhimt kemm il-verità kattolika titbiegħed mill-qerq ta' Fotinu dwar il-kelmiet "Il-Verb sar bniedem". Tassew, il-kixfa tal-ħażen ta' l-eretiċi turi ċar xinhu l-

ħsieb tal-Knisja tiegħek u xi xxandar fit-tagħlim sħiħ tagħha. Kellhom iqumu l-ereżiji biex jidher min fost id-dgħajfin kien sod.

20. Il-qari tal-kotba tal-filosofi platoniċi fetaħli għajnejja biex infittex verità bla ġisem u permezz tal-ħlejjaq għaraft dak li fik ma jidhirx. Dan kollu żammni lura, għax ħassejt li kien hemm ħwejjeġ li d-dlamijiet ta' ruħi ma kinux qed iħalluni nilmaħhom. Kont ċert li inti teżisti u li int bla tmiem bla ma tinfirex fi spazji magħluqa jew fi spazji bla tarf; u kont ċert li teżisti tassew, għax int dejjem l-istess, qatt ma ssir ieħor u ma għandekx membri li jitħarrku; il-ħwejjeġ l-oħra huma kollha ġejjin minnek, u l-aqwa prova ta' dan hi l-istess eżistenza tagħhom. Kont ċert minn dan kollu, iżda kont għadni dgħajjef wisq biex insib il-għaxqa tiegħi fik. Kont biss nagħmilha tal-għaref u nlablab, waqt li kont mhux nitgħarref imma nitgħarraq għal kollox jekk ma nfittixx it-triq tiegħek fi Kristu s-salvatur tagħna. Waħħalt f'moħħi li rrid nidher għaref, jien li kont maħqur bil-kastig tiegħi bla ma nxerred demgħa, minfuħ kif kont bil-għerf tiegħi. Fejn kienet dik l-imħabba li tibni fuq is-sies ta' l-umiltà li hu Kristu Ġesù? Meta qatt dawk il-kotba setgħu jgħallmuni din l-imħabba? Inti ridthom jiġu f'idejja qabel ma ndawwar ħsibijieti fuq l-Iskrittura tiegħek; naħseb li dan ridtu biex nibqa' nżomm f'moħħi x'tgħallimt minnhom, ħalli mbagħad, wara li nkun sibt kwieti fil-kotba tiegħek, wara li b'subgħajk tkun dewwejt u fejjaqt il-ġrieħi tiegħi, inkun nista' nifhem u nagħraf x'qabża hemm bejn il-moħħ li jiżżarġan u l-moħħ li jistqarr, bejn dawk li jafu fejn għandhom imorru bla ma jafu mnejn jgħaddu u t-triq

li twassalhom f'art il-hena, mhux biex iħarsu biss lejha, iżda wkoll biex igħammru fiha. Li kieku dawk il-kotba ġewni f'idejja wara li qrajt l-Iskrittura mqaddsa tiegħek u doqt ħlewwietek fiha, għandhom mnejn kienu jġarrfuni minn fuq is-sies tat-tjieba, jew, jekk nibqa' wieqaf fit-tagħlim tas-saħħa li xrobt mill-Iskrittura, kont nibda naħseb li wieħed forsi jista' jikseb l-istess tagħlim anki jekk jistudja dawk il-kotba biss.

21. Għalhekk b'ħerqa liema bħalha nxtħett għall-qari tal-kotba ta' l-Ispirtu tiegħek, l-aktar l-ittri ta' Pawlu l-appostlu. Imbagħad diebu minn moħħi l-kwistjonijiet kollha li bihom xi drabi deherli li l-Iskrittura twaqqa' lilha nfisha bi kliemha stess u ma taqbilx max-xhieda tal-liġi u l-profeti; rajt li hi wiċċ wieħed fil-kliem safi tagħha, u tgħallimt nifraħ b'rogħda fuqi. Jien u naqra, sibt illi t-tagħlim veru li kont qrajt bnadi oħra hu hawnhekk mogħni bil-grazzja tiegħek, biex min jara l-verità ma jiftaħarx bħallikieku ma ngħatalu xejn, la l-verità stess li qiegħed jara u lanqas is-setgħa biex biha jaraha – għax x'għandu li ma ngħatalux? Barra minn dan, mhux biss jitħeġġeġ ħalli jixħet ħarstu fuqek, li int dejjem l-istess, iżda wkoll ifittex jitfejjaq biex jista' jkollu lilek. Min imbagħad ma jistax jarak għax jinsab 'il bogħod, għandu jaqbad it-triq li twasslu biex jarak ħalli inti tkun tiegħu. Għax jekk wieħed skond il-bniedem ta' ġewwa togħġbu l-liġi ta' Alla, x'se jagħmel bil-liġi l-oħra fil-membri ta' ġismu li titqabad kontra l-liġi ta' moħħu u tjassru taħt il-liġi tad-dnub li hemm ġo ġismu? Inti ġust, Mulej, imma aħna dnibna u għamilna l-ħażin, l-egħmejjel tagħna huma ħżiena u t-toqol ta' idek fuqna, u bil-ħaqq

kollu tlaqtna f'idejn il-midneb tal-qedem li jmexxina lejn il-mewt billi jdawwar ir-rieda tagħna u jagħmilha tixbah lir-rieda tiegħu li biha ma żammx mal-verità tiegħek. X'se jagħmel il-bniedem imsejken? Min se jeħilsu minn dan il-ġisem tal-mewt ħlief il-grazzja tiegħek f'Ġesù Kristu Sidna, li int nissiltu sa minn dejjem u ħlaqtu sa mill-bidu ta' egħmilek? Il-prinċep ta' did-dinja ma sab fih xejn li ħaqqu l-mewt, u madankollu tah il-mewt, u b'hekk il-kitba li kien hemm kontrina tħassret. Dawk il-kotba ma jsemmu xejn minn dan, fihom ma naqrawx fuq il-wiċċ tat-tjieba tiegħek, fuq id-dmugħ ta' l-istqarrija, is-sagrifiċċju tiegħek, ir-ruħ niedma, il-qalb maqsuma u sogħbiena, is-salvazzjoni tal-ġens, il-belt għarusa, ir-rahan ta' l-Ispirtu s-Santu, u l-kalċi tal-fidwa tagħna. Ħadd f'dawk il-kotba ma jgħanni u jgħid: Mhux f'Alla l-mistrieħ ta' ruħi? Min għandu tiġini s-salvazzjoni; hu Alla tiegħi u s-salvazzjoni tiegħi, hu l-kenn tiegħi; xejn ma jċaqlaqni. Ħadd fihom ma jisma' lil dak li jsejjaħ u jgħid: Ejjew għandi, intom li tinsabu mħabbtin. Ma jistħoqqilhomx jitgħallmu minnu, li hu ta' qalb ħelwa u umli. Għax inti dawn il-ħwejjeġ ħbejthom lil min għandu l-għerf u d-dehen u wrejthom liċ-ċkejknin. Il-bniedem minn fuq għolja kollha siġar jista' jilmaħ il-belt tas-sliem bla ma jsib it-triq li tagħti għaliha, u għalxejn jitħabat f'mogħdijiet imħarbta, magħluq dawramejt mill-ħbit ta' dawk li ħarbu u tbiegħdu minnha u marru wara l-prinċep tagħhom, li hu l-iljun u s-serp; dan kollu minnu. Iżda mbagħad hi ħaġ'oħra li wieħed iżomm fit-triq li tagħti għal dik il-belt, imdawra bis-swar tal-ħakem tas-sema, fejn dawk li nfirdu mill-qtajja' tal-Għoli ma jistgħux jisirqu; huma jaħarbu minn din it-triq bħallikieku hi l-qatla tagħhom. Jiena u

naqra l-kitba ta' l-inqas wieħed fost l-Appostli tiegħek, dawn il-ħsibijiet niżluli fil-qiegħ tal-ġewwieni tiegħi, u ħarist lejn l-egħmejjel tiegħek u bżajt.

---

[1]Vindiċjanu kien it-tabib għaref u prokonslu li S. Wistin isemmi fir-IV Ktieb, n. 3.

[2]Kollirju huwa duwa tal-għajnejn.

[3]Fil-filosofija neoplatonika niltaqgħu ma' tagħlim li, għad li f'dawl ieħor, fih xi xebh mat-tagħlim nisrani li nsibu fil-prologu tal-Vanġelu skond San Ġwann.

[4]Il-koturn huwa żarbun li jgħatti r-riġel sal-wirk, u jinqafel b'lazz fin-naħa kollha ta' quddiem.

[5]In-neoplatoniċi kienu jemmnu f'alla wieħed, il-kbir; iżda kienu wkoll jagħtu ġieħ lil għadd ta' allat oħra taħt il-kbir li tnisslu minnu; it-tagħlim tagħhom kien fih ħafna elementi tajbin ta' verità, kif stqarr S. Pawl stess fid-diskors tiegħu fl-Arjopagu lin-nies ta' Ateni (Atti 17, 22–31); huma sikwit kienu jħajru lill-bnedmin biex jidħlu fihom infushom ħalli jisimgħu t-twissijiet tas-sema.

[6]Kliem li jfakkarna fil-parabbola ta' l-iben il-ħali li mar f'pajjiż imbiegħed (Lq 15, 13).

[7]Alla jwieġeb li l-verità teżisti tassew, anzi huwa nnifsu hu l-verità; hawnhekk jagħti l-istess tweġiba li ta lil Mosè meta dan ried ikun jaf Alla x'jismu (Es 3, 13–14).

[8]Segwaċi ta' Apollinarju (c. 310–c. 390), isqof eretiku ta' Laodicea.